# QORTI CIVILI - PRIM’AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis 30 ta’ Novembru, 2023**

**Kawza Numru: 3**
**Rikors Guramentat Numru:- 645/19JVC**

**Gabrielle Marie Grech Larsson (K.I. 226203L) bhala mandatrici specjali tal-assenti Ulf Christer Larsson (Passaport Svediz numru 96334247)**

vs

**Michael Kissaun (K.I. 0479857M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Gabrielle Marie Grech Larrson bhala mandatarja specjali tal-assenti Ulf Christer Larsson li talbet kif isegwi:

1. 'Illi l-attur Ulf Christer Larsson u l-konvenut Michael Kissaun huma ko-proprjetarji ta' diversi mobbli u immobbli li jiffurmaw parti mill-assi ereditarji ta' Dottor Alphonse Maria Gerald u Antoinette Catherine konjugi Kissaun;

2. Illi Dottor Alphonse Maria Gerald Kissaun miet nhar is-sitta u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996) [Dok UL 01]. Illi mill-apoziti ricerki testamentari [Dok UL 02 (a) u (b)] jirrizulta illi s-successjoni tieghu hija regolata permezz ta' testment unica carta fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa datat tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (1988) [Dok UL 03] u li permezz tieghu l-imsemmi Dottor Alphonse Maria Gerald Kissaun nnomina lil uliedu Sylvia Larsson u Michael Kissaun bhala l-eredi universali tieghu. Is-successjoni tal-istess imsemmi Dottor Alphonse Maria Gerald Kissaun giet debitament dikjarata fil-Dikjarazzjoni Causa Mortis ippubblikata fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler tas-sittax (16) ta' April tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) [Dok UL 04], liema Dikjarazzjoni Causa Mortis giet emendata permezz ta' Dikjarazzjoni ulterjuri ippublikata fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler tal-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) [Dok UL 05];

3. Illi Antoinette Catherine Kissaun, mart il fuq imsemmi Dottor Alphonse Maria Gerald Kissaun, mietet nhar l-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn (2000) [Dok UL 06]. Illi mr-ricerki testamentari taghha [Dok UL 07 (a) u (b)] s-successjoni taghha hija regolata mil fuq imsemmi testament unica carta hawn anness u mmarkata bhala Dok UL 03 u li permezz tieghu hija ukoll innominat lill-uliedha Sylvia Larsson u Michael Kissaun bhala l-eredi universali taghha. Is-successjoni tal-istess imsemmija Antoinette Catherine Kissaun giet debitament

dikjarata fil-Dikjarazzjoni Causa Mortis ippubblikata fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler tal-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) [Dok UL 08] liema Dikjarazzjoni giet emendata permezz ta' Dikjarazzjoni ulterjuri ippubblikata fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler tat-tlettin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) [Dok UL 09];

4. Illi r-rimanenti assi ereditarji tal-imsemmija Dottor Alphonse Maria Gerald u Antoinette Catherine konjugi Kissaun u li ghadhom ma gewx trasferiti sallum jinkludu fost ohrajn is-segwenti:

    a. Il-fond ossija *detached villa*, maghrufa bhala "La Miradora" li tinsab gewwa Triq G. Despott, Kappara, limiti ta' San Gwann, liema propjeta tmiss mix-Xlokk u min-Nofsinhar ma' l-imsemmija triq, u mil-Grigal ma' beni ta' Daniel Borg jew is-successuri fit-titolu tieghu. Din il-propjeta hija soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' mija u erbgha Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€104.82);
    b. Sehem wiehed minn sebgha (1/7) indiviz tal-fond ossija garaxx bin-numru ufficjali tmienja u tmenin (88) fi Triq Alphons, Sliema;
    c. Il-qabar li jinsab gewwa ic-Cimiterju tal-Addolorata, Paola, Sezzjoni Lvant; Sezzjoni "I", Kompartiment "C", numru tlettac (13) ;
    d. Diversi ghamara, deheb, gojellerija, hagar prezzjuz u oggett mobbli ohra;

5. Illi Sylvia Larsson, mietet nhar il-hdax (11) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) [Dok UL 10]. Illi s-successjoni taghha hija regolata permezz ta' testment barrani (Svediz) datat id-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) [Dok UL 11] li

permezz tieghu nnominat li zewga l-attur Ulf Christer Larsson bhala l-eredi universali taghha. Illi dan huwa kkonfermat mic-Certifikat Ewropew tas-Successjoni mahrug mill-awtorita kompetenti gewwa l-Isvezja, ossija l-pajjiz li fih kienet resident l-imsemmija Sylvia Larsson fiz-zmien tal-mewt taghha [Dok UL 12]. Is-successjoni tal-imsemmija Sylvia Larsson ghar-rigward tal-immobbli li jinsabu gewwa Malta, giet debitament iddikjarata in forza tad-Dikjarazzjoni Causa Mortis ippubblikata fl-atti tan-Nutar Louisa Vella Bardon tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u tmeintax (2018) [Dok UL 13];

6. Illi ghalhekk in vista ta' dak kollu suespost, l-attur Ulf Christer Larsson u l-konvenut Michael Kissaun huma illum 'il gurnata ko-propjetarji f'ishma indaqs bejniethom tar-rimanenti assi ereditarji, fuq elenkati, ta' Dottor Alphonse Maria Gerald u Antoinette Catherine konjugi Kissaun;

7. Illi r-rikorrent Ulf Christer Larsson ma jixtieqx jibqa' fi stat ta' ko-proprjeta', flimkien mal-konvenut Michael Kissaun, fir-rigward tal-imsemmija assi ereditarji ta' Dottor Alphonse Maria Gerald u Antoinette Catherine konjugi Kissaun;

8. Illi in vista ta' dan, il-konvenut Michael Kissaun gie interpellat sabiex jersaq ghad-divizjoni tal-imsemmija assi ereditarji in forza ta' Ittra Ufficjali numru 4310/18 datata 3 ta' Dicembru 2018 [Dok UL 14] madankollu l-konvenut Michael Kissaun baqa' sal-gurnata tal-lum inadempjenti;

Ghaldaqstant jghid l-istess konvenut ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1) Tiddikjara illi l-assi ereditarji ta′ Dottor Alphonse Maria Gerald u Antoinette Catherine konjugi Kissaun illi ghadhom sal-lum ma gewx likwidati u divizi jikkonsistu f′dawk il-beni li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

2) Tiddikjara li r-rikorrenti Ulf Christer Larrson u l-konvenut Michael Kissaun huma proprjetarji (ta′ nofs indiviz kull wiehed) ta′ l-imsemmija assi ereditarji gejjin mil-wirt ta′ Dottor Alphonse Maria Gerald Antoeinette Catherine konjugi Kissaun;

3) Tillikwida l-imsemmija assi ereditarji;

4) Tiddividi u tassenja l-imsemmija assi ereditarja ta′ Dottor Alphonse Maria Gerald u Antoinette Catherine konjugi Kissaun hekk likwidati f′zewg porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti;

5) In subsidium u f′kaz li l-beni immobiljari formanti parti mill-istess assi ereditarji ma humiex komodomaent divizibli, tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-imsemmija propjeta immobiljarji bl-ammissjoni ta′ oblaturi barranin, u dan okkorendo wara li tkun saret stima ta′ l-istess beni immobiljari minn Perit nominandi;

6) Tordna li r-rikavat tal-imsemmi bejgh jinqasam f′ishma indaqs bejn il-kontendenti skond il-ligi;

7) Tinnomina Nutar Pubbliku ghall-pubbblikazzjoni tal-kuntratt relattiv u tiffissa data, hin u lok ghall-istess;

8) Tinnomina kuraturi biex jirrapresentaw lill-eventwali kontumaci;

9) Taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni skond ir-rizultanzi tal-kaz a tenur tal-ligi;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Dicembru 2018 kontra l-konvenut mill-lum ingunti ghas-subizzjoni'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Michael Kissaun li taqra kif isegwi:

(1) 'Illi huwa m'ghandu ebda oggezzjoni ghal qasma tal-eredita tal-mejta genituri tieghu Dottor Alphonse Kissaun u Antoinette Kissaun li mietu rispettivament fit-26 ta' Ottubru 1996 u fl-14 ta' Gunju 2000 rispettivament.

(2) Illi l-mejta ohtu Sylvia Larsson mietet fil-11 ta' April 2017 u l-wirt taghha ddevolva fuq zewgha Ulf Christer Larsson kif soggett ghal porzjoni riservata dovuta lil bintu Gabriella Marie Grech Larsson.

(3) Illi qabel il-mewt ta' ohtu Sylvia Larsson u wara l-mewt tal-genituri tieghu, hu u ohtu qasmu l-oggetti mobbli ossija ghamara biex b'hekk kull parti qeghda fil-pussess ta' dawn l-oggetti mobbli salv gradenza antika u xi cupboards li ghadhom jinsabu fil-fond, 'corners' u inkwadri appartenti lill-eredi ta' Sylvia Larsson li ghadhom jinsabu fil-fond 33 La Miradora, Triq K. Despott, Kappara, San Gwann.

(4) Illi d-deheb, gojjelli u l ftit oggetti fidda ghadhom ma nqassmux waqt li diversi oggetti tal-fidda fosthom

candelabri, set tat-te, puzati u affarijiet ohra li jigu elenkati waqt it-trattazzjoni tal-kawza li jinsabu neqsin.

(5) Illi inoltre, Gabriella Marie Grech Larsson dawret ghal fuq isimha s-somma ta' EURO 44,000 fit-8 ta' Mejju 2000 qabel il-mewt ta' nannitha u ommu li mietet fl-14 ta' Gunju 2000 u liema flus ghandhom jigu kkreditati lill-assi tal-mejta konjugi Kissaun kif ukoll diversi kontijiet bankarji li ghosfru tul iz-zmien.

(6) Salv eccezzjonijiet ohra.'.

Rat l-affidavits, xhieda, prokura, certifikati tal-mewt, ricerki testamentarji, testment, dikjarazzjonijiet *causa mortis* u dikjarazzjonijiet addizzjonali *causa mortis*, certifikat ewropew tas-successjoni mahrug minn awtorita' kompetenti gewwa l-Isvezja, ittra ufficjali, kuntratti, rapport bil-valur tal-vettura, statements bankarji, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-20 ta' Frar, 2020 Dr Ariana Falzon talbet li jigi nominat perit arkitett sabiex jirrelata jekk il-fond hux komodament divizibbli in vista li l-partijiet huma proprjetarji f'ishma ugwali bejniethom, u jekk le jivvaluta l-fond La Miradola fi Triq G. Despott, Kappara limiti ta' San Gwann, rat li Dr Marielise Tabone ma opponietx u rat li l-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Perit Godwin P. Abela sabiex jirrelata kif indikat fil-verbal;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela ntavolat fl-atti nhar il-11 ta' Awwissu, 2020 u mahluf nhar id-29 ta' Settembru, 2020 a fol. 140 et seq tal-process;

Rat illi l-Perit Tekniku xehed in eskussjoni fis-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2020 a fol. 149 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal u n-nota tat-12 ta' Jannar, 2021 l-avukati difensuri tal-partijiet ipprezentaw nota kongunta (fol. 153) li permezz taghha nfurmaw lil Qorti li ntlahaq ftehim dwar il-gojjellerija, deheb, hagar prezzjuz u ghamara in komuni bl-eskluzjoni tal-karozza Ford Galaxy 500 tas-sena 1963 u ghalhekk jonqos in kontestazzjoni bejn il-partijiet din il-vettura u l-immobbli li jsegwi:

1. Qabar fic-cimiterju tal-Addolorata;
2. 1/7 mill-garaxx li jinsab 88 fi Triq Alfons, Sliema, u
3. Villa La Miradora fi Triq G. Despott, Kappara.

Rat ukoll illi fl-istess verbal tat-12 ta' Jannar, 2021 l-avukati tal-partijiet indikaw izda li l-valutazzjoni tal-villa diga' qieghda fl-atti u jonqos il-valutazzjoni taz-zewg immobbli l-ohra u tal-vettura u rat li r-rikorrenti obbligaw ruhhom li jipprezentaw fl-atti valutazzjoni tal-karozza li saret fis-sena 2017 sabiex possibilment jigi evitat li jitqabbad espert tal-Qorti;

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet intavolata nhar id-29 ta' Marzu, 2021 fejn permezz taghha l-partijiet lahqu ftehim dwar il-valutazzjoni ta' zewg oggetti li huma komproprjetarji taghha u nfurmaw lil Qorti illi (1) l-partijiet konguntivament qablu li s-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000) huwa l-valur attwali tal-vettura Galaxie 500 illum il-gurnata, u (2) fir-rigward il-fond 88 fi Triq Sant'Alfonsu, Sliema l-partijiet qablu li bhala valur attwali ghandu jkun dak ta' disghin elf Ewro (€90,000);

Rat illi fil-verbal tat-30 ta' Marzu, 2021 l-avukati tal-partijiet qablu li in vista li l-Gvern fl-avviz legali 425/2016 oqbra ghal bejgh gew

valutati ghal €8,000, in vista li fil-qabar in kwistjoni hemm drittijiet li jindifnu terzi, dan ghandu jigi valutat ghal €4,000. Dr Edward Debono rrileva li dan m'ghandux jiftiehem li l-klient tieghu qed jaqbel li dan il-qabar jigi mibjugh, anzi jinsisti li dan ghandu jibqa' fil-familja. Dr Ariana Falzon iddikjarat li l-klient taghha ma jsibx oggezzjoni li l-qabar jigi assenjat lil Michael Kissaun suggett izda li jkun hemm ekwiparazzjoni u zzid tghid li ghandu jkun hemm distinzjoni bejn min hu s-sid tal-qabar u min ghandu dritt li jindifen fih.

Rat ukoll illi fl-istess verbal tat-30 ta' Marzu, 2021 l-partijiet iddikjaraw li qablu fuq il-valur tal-vettura Ford Galaxy 500 fl-ammot ta' tletin elf Euro (€30,000) u li l–valur shih tal-fond cioe' garaxx numru 88, Tris Alfons, Sliema huwa dak ta' disghin elf Euro (€90,000).

Rat illi fil-verbal datat  29 ta' Novembru, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

In essenza l-kawza odjerna hija wahda ta' divizjoni tal-beni mobbli u mmobbli tal-mejtin Dottor Alphonse Maria Gerald u Antoinette Catherine konjugi Kissaun li mietu fis-26 ta' Ottubru, 1996 (fol. 15) u fl-14 ta' Gunju, 2000 (fol. 37) rispettivament. Il-mejtin konjugi Kissaun irregolaw il-wirt u successjoni taghhom permezz ta' testment *unica charta* datat 8 ta' Gunju, 1988 fl-atti tan-

Nutar Clyde La Rosa fejn permezz tieghu nnominaw u istitwew bhala werrieta universali lil uliedhom Sylvia Larsson u Michael Kissaun (ara testment a fol. 20 et seq tal-process).

Illi s-successjoni tal-imsemmi Dottor Alphonse Maria Gerald Kissaun giet debitament dikjarata permezz ta' dikjarazzjoni *causa mortis* datata 16 ta' April, 1997 fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler (ara dikjarazzjoni a fol. 22 et seq tal-process). Sussegwentement saret dikjarazzjoni *causa mortis* addizzjonali datata 1 ta' Novembru, 2000 fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler (ara dikjarazzjoni addizzjonali a fol. 35 et seq tal-process).

Illi s-successjoni ta' Antoinette Catherine Kissaun jirrizulta li giet debitament iddikjarata permezz ta' dikjarazzjoni *causa mortis* datata 1 ta' Novembru, 2000 fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler (ara dikjarazzjoni a fol. 42 et seq tal-process) u permezz ta' dikjarazzoni *causa mortis* addizzjonali tat-30 ta' Jannar, 2014 fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler (ara dikjarazzjoni addizzjonali a fol. 55 et seq tal-process).

Illi Sylvia Larsson – bint l-imsemmija Dottor Alphonse Maria Gerard Kissaun u Antoinette Catherine Kissaun giet nieqsa fil-11 ta' April, 2017 (fol. 58). Is-successjoni taghha giet regolata permezz ta' testment Svediz datat 19 ta' Ottubru, 2010 li permezz tieghu nnominat lil zewgha r-rikorrenti Ulf Christer Larsson bhala l-eredi universali taghha (ara testment barrani a fol. 59 et seq tal-process). Ir-rikorrenti noe pprezenta certifikat Ewropew tas-successjoni mahrug mill-awtorita' kompetenti gewwa l-Isvezja (fol. 62). Is-successjoni tal-imsemmija Sylvia Larsson giet debitament iddikjarata permezz ta' dikjarazzjoni *causa mortis* datata 22 ta' Frar, 2018 fl-atti tan-Nutar Louisa Vella Bardon (ara dikjarazzjoni a fol. 88 et seq tal-process).

Illi r-rikorrenti pproceda bil-kawza odjerna fejn *inter alia* qed jitlob li jigi dikjarat liema huma l-assi ereditarji tal-mejta Dottor Alphonse Maria Gerald u Antoinette Catherine konjugi Kissaun u li jigi dikjarat li r-rikorrenti Ulf Christer Larsson u l-intimat Michael Kissaun huma proprjetarji ta' nofs indiviz (1/2) kull wiehed tal-imsemmija assi ereditarji. Ir-rikorrenti talab ukoll illi jigu likwidati tali assi ereditarji u tiddividi u tassenja l-imsemmija assi ereditarji f'zewg porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti u fl-eventwalita' li tali assi ereditarji m'humiex komodament divizibbli tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-imsemmija assi bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei.

Illi l-intimat Michael Kissaun eccepixxa li m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghall-qasma tal-eredita' tal-mejta genituri tieghu. Zied li l-wirt ta' ohtu Sylvia Larsson iddevolva favur ir-ragel taghha kif soggett ghad-dritt tal-porzjon riservat dovut lil bintu Gabrielle Marie Grech Larsson. L-intimat Kissaun eccepixxa li qabel il-mewt ta' ohtu Sylvia Larsson u wara l-mewt tal-genituri tieghu, kienu qasmu oggetti mobbli konsistenti f'ghamara salv gradenza antika u xi cupboards, corners u inkwadri appartenenti lill-eredi ta' Sylvia Larsson li ghadhom jinsabu fil-fond 33, La Miradora fi Triq K. Despott, Kappara, San Gwann. Sostna li d-deheb, gojjellerija u ftit oggetti tal-fidda kienu ghadhom ma nqassmux waqt li oggetti ohra kienu jinsabu neqsin. Finalment eccepixxa li Gabrielle Marie Grech Larsson dawret ghal fuq isimha s-somma ta' erbgha u erbghin elf Ewro (€44,000) qabel il-mewt ta' nannitha u ommu li mietet fl-14 ta' Gunju, 2000 u sahaq li l-imsemmija flus ghandhom jigu akkreditati lill-assi tal-mejta konjugi Kissaun, kif ukoll diversi kontijiet bankarji ohra li ghosfru tul iz-zmien.

**<u>It-tieni eccezzjoni tal-intimat – il-wirt tar-rikorrenti Ulf Christer Larsson huwa soggett ghal porzjoni riservat dovut lil bintu Gabrielle Marie Grech Larsson:</u>**

Illi fir-rigward din it-tieni eccezzjoni fejn l-intimat Michael Kissaun jsostni li l-wirt ta' ohtu Sylvia Larsson iddevolva favur zewgha r-rikorrenti Ulf Christer Larsson kif soggett ghal porzjoni riservata dovuta lil bintu Gabrielle Marie Grech. Il-Qorti tirrileva li fil-kawza odjerna t-talbiet huma relatati mad-divizjoni u likwidazzjoni tal-wirt tal-konjugi Kissaun. Gialadarba mill-provi prodotti rrizulta ppruvat li Sylvia Larsson halliet bhala werriet universali taghha lill-zewgha Ulf Christer Larsson, il-Qorti m'hijiex ser tidhol fi kwistjonijiet ta' porzjon riservat li fuq kollox ma taffettwa xejn lill-intimat ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

**<u>Il-hames eccezzjoni – l-ammont ta' erbgha u erbghin elf (€44,000) ghandhom jigu kkreditati lill-assi tal-mejta konjugi Kissaun, kif ukoll diversi kontijiet li ghosfru:</u>**

Illi bhala l-hames eccezzjoni tieghu l-intimat Michael Kissaun eccepixxa li Gabrielle Marie Grech Larsson dawret ghal fuq isimha s-somma ta' erbgha u erbghin elf (€44,000) fit-8 ta' Mejju, 2000 qabel il-mewt ta' nannitha u ommu li giet nieqsa fl-14 ta' Gunju, 2000 u jinsisti li dawn il-flus ghandhom jigu kkreditati lura lill-assi tal-mejta konjugi Kissaun, kif ukoll diversi kontijiet bankarji li ghosrfu tul iz-zmien.

Illi Gabrielle Marie Grech Larsson fl-affidavit taghha a fol. 176 et seq tal-process ma tichadx li hija dawret fuq isimha s-somma ta' cirka erbgha u erbghin elf Ewro (€44,000) ekwivalenti ghas-somma ta' cirka disgha u erbghin elf dollaru amerikan ($49,000)

madanakollu ssostni li dawn il-flus intuzaw ghall-bzonnijiet relatati mal-wirt tal-mejta nanna Antoinette Catherine Kissaun u bzonnijiet ohra relatati mal-manteniment tal-fond ossia Villa La Miradora u anke spejjez ohra. Ix-xhud Gabrielle Marie Larsson fl-affidavit taghha tghid illi wara dawn is-snin kollha kien ferm difficli sabiex taghmel rendikont u tipprovdi evidenza fejn intefqu dawn il-flus, pero' safejn setghet tiftakar ghamlet lista u esebiet xi dokumenti li kienu fil-pussess taghha fejn intefqu dawn il-flus indikati mill-intimat Michael Kissaun. Ix-xhud tghid illi:

'12. I am extremely hurt that today Michael is claiming that I misappropriated the funds. Especially because of the fact that I took on various tasks and responsibilities for the entire family while they were away from Malta, going out of my way to help to take care of their matters. I believe that I enjoyed the trust of the entire family this whole time, so much so that Michael had given me a power of attorney many times over to deal with his personal matters locally so as to save him time and money travelling back and forth. This was done out of his own accord and I was also entrusted to take care of his children on many occasions as they were sent to Malta whilst still minors without their parents. It is causing me a huge amount of pain, confusion and anxiety to shoulder such an accusation from my uncle and I can only hope that it is just a desperate attempt by Michael to stall the settling of my grandparent's inheritance, something that my father would really like to finalise at this stage of his life. Had I known that I would be accused years later I might have thought of asking for a confirmation in writing for every task or transaction I was asked to carry out on their behalf but this didn't cross my mind at the time.'

Illi mbaghad l-intimat Michael Kissaun fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jbiddel xi ftit il-verzjoni u dan billi donnu jaccetta li whud minn dawn l-ispejjez intefqu ghall-interess tal-partijiet. In fatti huwa jaghmel referenza unikament ghat-transazzjonijiet li Gabrielle Marie Grech Larsson ma kinitx kapaci tispjega fosthom ghall-cash withdrawal ta' $3,318.45 ekwivalenti ghas-somma ta' €3,007 u $2,277 ekwivalenti ghas-somma ta' €2,063. Jaghmel ukoll referenza ghas-somma ta' $7,789.91 ekwivalenti ghas-somma ta' €7,059.31 li Gabrielle Marie Grech Larsson tghid li nafqet sabiex ghamlet tiswijiet fil-villa La Miradora u jsostni li mill-atti ma jirrizultax li hija kienet fittxet il-kunsens tal-eredi diretti ta' nannitha qabel iddecidiet li taghmel it-tiswijiet u tonfoq ammonti sostanzjali minn dan l-ammont li gie trasferit fil-kont bankaraju taghha. Meta l-intimat xehed in kontro-ezami fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2022 (fol. 347) stqarr li huwa ma jemminx li dawn il-flus gew misruqa pero' ma xtaqx li jkun hemm flus li jintilfu. Jghid ukoll illi mill-ispejjez ta' funeral, dikjarazzjonjiet *causa mortis*, spejjez relatati ma' nutar eccetera huwa qatt ma hareg flus pero' dawn thallsu mill-flus tal-eredita' (a fol. 347 et seq tal-process). Jixhed kif isegwi:

'Xhud: Ok. When I found the bank book I discussed this with my sister; I asked her what happened to the money, not because I was, I will state this again, I believe anybody stole it, but I didn't want any money to be lost or unaccounted for. So, my sister stated that she didn't know anything about it, her niece, her daughter also knew nothing about it. Nobody knew anything about it and I had requested Peter,

Dr Karl Briffa: Fleri Soler.

Xhud: Fleri Soler, in-Nutar Peter Fleri Soler to ask the bank if they had any information about this bank book.

…

Dr Karl Briffa: Who used to take care of the affairs of Antoinette, of your mother?

Xhud: Gaby, no doubt about it.

Dr Karl Briffa: Gaby. And was with the consent of everybody or was it, I mean,

Xhud: Yes of course.

Dr Karl Briffa: How did that come about?

Xhud: Of course. It was a decision that my sister and I took because Gaby was living there and she was given, she was given even a prokura by me because I trusted, because that is how things go, to look after the affairs. No discussion there.

Dr Karl Briffa: So there is no discussion about that?

Xhud: Not at all Sir.

…

Dr Karl Briffa: As you know there are a number of expenses which come about after unfortunately the demise of somebody.

Xhud: Absolutely.

Dr Karl Briffa: Funeral expenses,

Xhud: No discussion.

Dr Karl Briffa: The expenses that yourself and Sylvia to come back down to Malta,

Xhud: Yes.

Dr Karl Briffa: The causa mortis tax, taxes due for the succession and therefore the notary.

Xhud: Absolutely.

Dr Karl Briffa: How were these paid? Did you,

Xhud: There were all … to an account to management by Gaby.

Dr Karl Briffa: So, but did you fork out any other monies yourselves personally to fork this out?

Xhud: No, no, no this was all,

Dr Karl Briffa: Or from this administration of this money of Antoinette?

Xhud: No, it was done through the money that my mother had already prepared for, in the situation.

Dr Karl Briffa: Ok.

Xhud: From her accounts.

Dr Karl Briffa: And did you identify where these expenses were made? From which account?

Xhud: No. Unfortunately I have never have a record of how, where, when and what was transferred.

…

Dr Karl Briffa: Mela the question is, mela one, did you make any payments yourself in this respect? You answered no, correct?

Xhud: Not out of my bank account no.

Dr Karl Briffa: Not out of your bank account.

Xhud: This was all made from the inheritance money.'.

Illi l-intimat fil-mori tal-kawza ressaq bhala xhud lir-rapprezentant tal-Bank of Valletta plc Joanna Bartolo li xehdet fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2022 a fol. 342 et seq tal-process. Ix-xhud

xehdet illi fuq isem il-mejta Antoinette Catherine Kissaun (ID nru: 719926) kien hemm zewg kontijiet bankarji li kienu:

(i) kont bankarju bin-numru 16713249029 li kellu l-ammont fih ta' $49,132.13 li nghalaq fid-9 ta' Mejju, 2000, u

(ii) kont bankarju iehor bin-numru 16713249016 li kellu fih l-ammont ta' Lm 3,596 li wkoll nghalaq fid-9 ta' Mejju, 2000.

Ghalkemm ix-xhud ma setghetx tghid jekk dawn il-flus gewx depositati f'kont bankarju iehor jew gewx zbankati pprezentat kopji ta' statements ta' kont bankarju fuq isem Gabrielle Marie Larsson bin-numru 167-1574202-9 (fol. 253) minn fejn jirrizulta li nhar it-8 ta' Mejju, 2000 gew depositati fl-imsemmi kont bankarju l-ammont ta' $49,132.13. Effettivament dan l-ammont huwa l-istess ammont li kien hemm fuq il-kont tal-mejta Antoinette Catherine Kissaun. Il-Qorti m'ghandiex dubju li l-ammont ta' $49,132.13 li gie ddepositat fil-kont bankarju fuq isem Gabrielle Marie Grech huwa l-istess ammont li kien hemm fuq il-kont tal-mejta Antoinette Catherine Kissaun, dan anke fid-dawl tal-fatt li Gabrielle Marie Grech Larsson ma cahditx. Madanakollu l-Qorti tqis li l-ebda ammont m'ghandu jigi kkreditat lill-assi tal-mejta konjugi Kissaun u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Il-Qorti kellha l-possibilita' li tisma b'widnejja u tara b'ghajnejja l-imgieba ta' Gabrielle Marie Grech Larsson waqt li kienet qieghda tixhed in kontro-ezami fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2022 (fol. 362). Il-Qorti setghet tikkonstata minghajr l-icken dubju li x-xhud ma approprjatx ruhha minn flus appartenenti lill-eredita' ta' Antoinette Catherine Kissaun pero' ghamlet uzu minnhom a favur il-werrieta fosthom billi dawn marru ghal spejjez tal-eredita';

2. In vista tax-xhieda moghtija mill-intimat Michael Kissaun fejn huwa stqarr li m'huwiex jghid li dawn il-flus insterqu pero' ma riedx li b'xi mod jintilfu xi flus. Din id-dikjarazzjoni tal-intimat tmur kontra dak li eccepixxa fil-hames eccezzjoni fejn qieghed jallega li Gabrielle Marie Grech Larsson approprjat ruhha minn flus tal-mejta ommu. In oltre fl-istess xhieda stqarr illi huwa qatt ma hallas flus ghal spejjez ta' dikjarazzjonijiet *causa mortis*, spejjez ta' funeral ta' ommu Antoinette Catherine Kissaun, ghal xi vjaggi etc. Il-fatt li hu ma hallas xejn minn butu hija prova cara u konkreta li l-ispejjez indikati thallsu mill-flus tal-mejta Antoinette Catherine Kissaun mertu tal-kwistjoni;

3. In vista tad-dokument ipprezentat minn Gabrielle Marie Grech Larsson flimkien mal-affidavit taghha a fol. 194 tal-process li huwa kopja ta' fax datata 26.04.2007 mibghuta minn l-intimat lill-imsemmija Gabrielle Marie Grech Larsson fejn jitlobha tibghatlu l-ammont ta' €10,000 u jindikala n-numru tal-kont bankarju li fih ghandu jsir id-depositu mitlub minnu.

   Il-Qorti tifhem li gjaladarba l-intimat Michael Kissaun ha l-ammont ta' €10,000 l-istess ammont inghata lill-eredi l-ohra Sylvia Larsson - omm Gabrielle Marie Grech Larsson stante li l-mejta Antoinette Catherine Kissaun irregolat il-wirt u successjoni taghha billi halliet nofs indiviz (1/2) kull wiehed lill-uliedha;

4. In vista li fuq id-dikjarazzjonijiet *causa mortis* u d-dikjarazzjonijiet addizzjonali *causa mortis* li saru minn Gabrielle Marie Grech Larsson thallsu ammont

konsiderevoli ta' taxxa. Minn harsa lejn id-dikjarazzjoni ta' Antoinette Catherine Kissaun datata 1 ta' Novembru, 2000 fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler (a fol. 42 et seq tal-process) jirrizulta li thallas l-ammont ta' Lm5,020 ekwivalenti ghas-somma ta' hdax il-elf sitt mija tlieta u disghin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€11,693.45).

Illi l-Qorti temmen li anke biss minn kalkolu semplici tal-ammonti ndikati fil-paragrafi precedenti jirrizulta li l-ammont li gie mhallas fi spejjez eccetera jqerreb hafna ghas-somma ta' $49,132.13 li gie ddepositat fil-kont bankarju ntestat f'isem Gabrielle Marie Grech Larsson. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad il-hames eccezzjoni u dan ghar-ragunijiet indikati fil-paragrafi precedenti.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar id-divizjoni:</u>**

Illi rrizulta li fil-mori tal-kawza whud mill-mobbli u mmobbli li kienu ghad-divizjoni mill-assi ereditarji tal-mejta Dottor Alphonse Maria Gerald u Antoinette Catherine konjugi Kissaun gew divizi bejn ir-rikorrenti noe u l-intimat Michael Kissaun, u ohrajn gew mibjugha lil terzi fosthom is-sehem ta' 1/7 indiviz mill-garaxx gewwa Triq Alfons, Sliema, appartenenti lill-eredita' gie trasferit lil terzi. L-assi li ghad fadal in komproprjeta' bejn il-partijiet, u li hemm qbil fuqhom, huma s-segwenti:

1. Villa La Miradora fi Triq G. Despott, Kappara, limiti San Gwann – Permezz ta' digriet tal-20 ta' Frar, 2020 (fol. 136) gie nominat il-Perit Tekniku Godwin P. Abela sabiex jirrelata jekk il-fond imsemmi huwiex wiehed komodament divizibbli u fl-eventwalita' li m'huwiex wiehed komodament divizibbli jghaddi sabiex jaghti valur lill-imsemmi fond.

Il-Perit Tekniku Abela rrelata nhar il-11 ta' Awwissu, 2020 u halef ir-rapport nhar id-29 ta' Settembru, 2020 (ara rapport a fol. 140 et seq tal-process). Fl-imsemmi rapport il-Perit Abela rrelata li l-fond m'huwiex wiehed komodament divizibbli u ghalhekk ghadda sabiex ta' valur lill-fond ghal dak ta' miljun u seba' mitt elf Ewro (€1,700,000). Il-Qorti ma taqbilx li l-valur ghandu jkun anqas, kif indikat mir-rikorrent permezz ta' valuri ex-parte, anki ghaliex il-bejgh tal-immobbli bil-licitazzjoni skont il-ligi jibda minn ferm anqas mill-valur moghti mill-espert tekniku, ghaldaqstant li tinghata valutazzjoni anqas lill-immobbli jkun ta' detriment ghall-istess eredi.

2. Il-qabar li jinsab gewwa c-Cimiterju tal-Addolorata, Paola, Sezzjoni Lvant, Sezzjoni 'I', Kompartament 'C', numru tlettax (13) - Fil-verbal tat-30 ta' Marzu, 2021 (fol. 173) id-difensuri tal-partijiet qablu li in vista li l-Gvern fl-avviz legali 425/2016 l-oqbra ghal bejgh gew valutati ghal valur ta' tmien 'telef Ewro (€8,000) in vista li fil-qabar in kwistjoni hemm drittijiet li jindifnu terzi, dan ghandu jigi valutat ghas-somma ta' erba 'telef Ewro (€4,000).

3. Il-vettura tal-ghamla Ford Galaxy 500 – Fil-verbal tat-30 ta' Marzu, 2021 (fol. 173) id-difensuri tal-partijiet qablu li l-valur tal-vettura ghandu jkun dak ta' tletin elf Ewro (€30,000).

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

<u>Villa La Miradora u vettura tal-ghamla Ford Galaxy 500:</u>

Illi fir-rigward il-fond indikat fil-punt bin-numru 1. ossia l-villa maghrufa bl-isem ta' La Miradora fi Triq G. Despott, Kappara, limiti San Gwann u fir-rigward il-vettura indikata fil-punt bin-

numru 3 tal-ghamla Ford Galaxy 500 huwa car li dawn il-beni m'humiex komodament divizibbli bla xkiel u bla hsara, u in oltre ma tistax issir tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti izda ta' l-istess valur, ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandiex ghazla ghajr li tordna l-bejgh bil-licitazzjoni taghhom ai termini tal-Artikolu 515 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-valuri kif indikati minn din il-Qorti.

Il-Qorti temmen ukoll illi fic-cirkostanzi, fl-ahjar interess tal-partijiet kollha, fil-bejgh bil-licitazzjoni ghandha tigi awtorizzata l-partecipazzjoni ta' oblaturi estranei, anke ghaliex tali partecipazzjoni hija mposta mill-ligi fl-Artikolu 521 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

'(2) Fil-każijiet kollha, il-barranin għandhom jiġu mistednin biex joffru.'.

Qabar fic-cimiterju tal-Addolorata:

Illi dwar il-qabar li jinsab gewwa c-Cimiterju tal-Addolorata, Paola ndikat fil-punt bin-numru 2, il-Qorti tinnota li l-intimat Michael Kissaun tramite l-avukat difensur tieghu fil-verbal tat-30 ta' Marzu 2021 (fol. 173) iddikjara li l-intimat m'huwiex jaqbel li dan il-qabar ghandu jigi mibjugh, anzi jinsisti li dan ghandu jibqa fil-familja. Fl-istess verbal Dr Ariana Falzon ghar-rikorrenti ddikjarat li r-rikorrenti ma jsibx oggezzjoni li l-qabar jigi assenjat lill-intimat Michael Kissaun soggett izda li jkun hemm ekwiparazzjoni u li ghandu jkun hemm distinzjoni bejn min hu s-sid tal-qabar u min ghandu dritt li jindifen fih.

Illi stante li l-intimat Michael Kissaun wera' x-xewqa li dan l-immobbli jibqa fil-familja, l-Qorti ser tghaddi sabiex tassenja dan l-

immobbli fi proprjeta' shiha lill-intimat inkluz mieghu d-dritt tad-difna, bl-ekwiparazzjoni lir-rikorrenti Gabrielle Marie Grech Larsson noe. Stante li l-valur attribwit lil dan l-immobbli huwa dak ta' erbgha 'telef Ewro (€4,000), l-intimat Kissaun jrid jghaddi l-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000) lir-rikorrenti nomine. Il-Qorti taghmilha cara li l-qabar ser jghaddi ghand l-intimat Kissaun bi proprjeta' shiha inkluz mieghu d-dritt tad-difna u ghalhekk ir-rikorrenti nomine mhux ser jibqalu l-ebda drittijiet relatati mal-imsemmi qabar altrimenti l-valur ta' dak assenjat lill-intimat ikun ferm anqas minn nofs il-valur dikjarat.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-assi ereditarji ta' Dottor Alphonse Maria Gerald u Antoinette Catherine konjugi Kissaun illi ghadhom sal-lum ma gewx likwidati u divizi jikkonsistu f'dawk il-beni li gew immarkati bin-numri wiehed 1. sa tlieta 3. fis-sezzjoni ndikata bhala '**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar id-divizjoni:'</u>**;

3. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li r-rikorrenti Ulf Christer Larsson u l-intimat Michael Kissaun huma proprjetarji fil-kwota ta' nofs indiviz (1/2) kull wiehed tal-imsemmija assi ereditarji gejjin mill-wirt ta' Dottor Alphonse Maria Gerald u Antoinette Catherine konjugi Kissaun immarkati bin-numri

wiehed 1. sa tlieta 3. fis-sezzjoni ndikata bhala '**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar id-divizjoni:'</u>**;

4. Tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-imsemmija assi ereditarji li gew immarkati bin-numri wiehed 1. sa tlieta 3. fis-sezzjoni ndikata bhala '**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar id-divizjoni:'</u>** kif isegwi fil-paragrafu sottostanti;

5. Tilqa' r-raba' talba u tiddividi u tassenja l-assi ereditarja ta' Dottor Alphonse Maria Gerald u Antoinette Catherine konjugi Kissaun billi tghaddi sabiex tillikwida f'zewg porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti s-segwenti beni:

    i. Il-fond ossia villa La Miradora fi Triq G. Despott, Kappara, limiti San Gwann indikat fil-punt numru 1. fis-sezzjoni ndikata bhala '**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar id-divizjoni:'</u>** <u>bil-valur ta'</u> miljun u seba' mitt elf Ewro (€1,700,000), u

    ii. Il-vettura tal-ghamla Ford Galaxy 500 indikat fil-punt numru 3. fis-sezzjoni ndikata bhala '**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar id-divizjoni:'</u>** bil-valur ta' tletin Elf Euro (€30,000).

Tghaddi wkoll sabiex tassenja fi proprjeta' shiha, inkluz id-dritt tad-difna, lill-intimat Michael Kissaun l-beni mmarkat fil-punt numru 2. fis-sezzjoni ndikata;bhala '**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar id-divizjoni:'</u>** ossia l-qabar li jinsab gewwa c-Cimiterju tal-Addolorata, Paola, Sezzjoni Lvant, Sezzjoni 'I', Kompartament 'C', numru tlettax (13) filwaqt li l-intimat Michael Kissaun huwa obbligat li jghaddi

s-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) bhala ekwiparazzjoni lir-rikorrenti Ulf Christer Larsson;

6. Tilqa' l-hames talba u stante li l-beni mmobiljari formanti parti mill-istess assi ereditarji mmarkati bil-punti numru 1. u 3. fis-sezzjoni ndikata bhala '**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar id-divizjoni:'</u>** m'humiex komodoment divizibli, tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-imsemmija propjeta' mmobbli u mobbli bil-valuri ndikati fil-paragrafu 5, bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei;

7. Tilqa' s-sitt talba u tordna li r-rikavat mill-imsemmi bejgh jinqasam f'ishma indaqs bejn il-kontendenti salv li fl-eventwalita' li l-intimat Michael Kissaun ikun ghadu ma hallasx l-ekwiparazzjoni dovuta minnu fil-kaz tal-qabar l-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000) ghandu jigi mnaqqas minn sehem l-intimat u mghoddi lir-rikorrenti noe;

8. Tilqa' s-seba' talba u tinnomina lin-Nutar Pubbliku Peter Fleri Soler ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv ta' assenjazzjoni tal-proprjeta' u tad-drittijiet kollha relatati mieghu tal-qabar li jinsab gewwa c-Cimiterju tal-Addolorata, Paola, Sezzjoni Lvant, Sezzjoni 'I', Kompartament 'C', numru tlettax (13) u tiffissa d-data tal-31 ta' Jannar, 2024 bhala l-ahhar jum li fih ghandu jigi ppubblikat il-kuntratt relattivi fil-hin u lok li jigi stabbilit min-Nutar Pubbliku nominat.

9. Tilqa' t-tmien talba u tinnomina lil Dr. Alexander Scerri Herrera bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq il-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv ta' assenjazzjoni tal-proprjeta' u tad-drittijiet kollha

relatati mieghu tal-qabar li jinsab gewwa c-Cimiterju tal-Addolorata, Paola, Sezzjoni Lvant, Sezzjoni 'I', Kompartament 'C', numru tlettax (13) hekk kif indikat fil-paragrafu precedenti;

10. Tichad id-disa' talba billi ma jirrizultax li hemm provvedimenti ohra x'taghti l-Qorti.

Bl-ispejjez ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Novembru, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Novembru, 2023**